MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 282/2008

**Carmelo Farrugia u martu Josephine Farrugia**

**Vs**

**Lorraine Cilia**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' April 2008 fejn l-atturi qeghed jitlobu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta Lorraine Cilia thallas s-somma komplessiva ta' elfejn, seba' mija u hamsa u disghin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,795.25) li tirraprezenta xoghol ta' *gypsum* li sar ghand il-konvenuta, u li ghalkemm giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont, hi baqghet inadempjenti;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta' dan l-avviz.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuta tas-26 ta’ Mejju 2008 li permezz taghha hi eccepiet illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont gia thallas lil Saviour Grima, il-persuna li wettqet ix-xoghlijiet in kwistjoni;
Bl-ispejjez kontra l-attur ngunt in subizzjoni;

Sema` x-xhiedha kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw il-kawza.

Ikkunsidra :

Illi l-attur Carmelo Farrugia, ikkonferma li hu kien hallas xi flus ghan-nom ta’ Lorraine Cilia u dan minhabba xi xoghol ta’ *gypsum* maghmul ghand l-istess konvenuta li kien sar f’Lulju 2007 mill-kuntrattur Saviour Grima. Huwa stqarr li kien hallas lil Saviour Grima b’rati ta’ mitt lira (Lm100) u fil-fatt ghamel tlettax (13) il-pagament, liema pagamenti esebixxa ricevuti taghhom li gew mmarkati Dok CF 1 u CF 2. Inoltre, l-attur ikkonferma wkoll li l-konvenuta kellha tatih lura l-flus meta tiehu xi flus minghand l-*insurance* peress illi r-ragel taghha kien miet b’accident.

L-attrici Josephine Farrugia xehdet billi ikkonfermat li kien jigi Saviour Grima id-dar taghhom sabiex jigbor il-pagamenti u gieli ma kienx isib ir-ragel taghha, u cioe` Carmel Farrugia. F’cirkustanzi bhal dawn, kienet teffettwa l-pagamenti hi stess, u dan kif indikat bil-firma taghha hdejn il-pagamenti rispettivi.

Il-konvenuta Lorraine Cilia xehdet u kkonfemat li kellha bzonn xoghol tal-*gypsum* fid-dar, liema xoghol ammonta ghal Lm1,200 u l-attur ried jghinna minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja taghha. Illi l-konvenuta taghmel riferenza ghall-ftehim li kien sar fil-prezenza ta’ l-attur u t-tifel taghha u cioe` Jim Cilia, liema ftehim kien li ma kull *cheque* tar-romol illi tiehu, tghaddi pagament lil Saviour Grima ta’ Lm100 fix-xahar ghal zmien ta’ sena précis.

Illi l-konvenuta stqarret ukoll li kienet tghaddi l-Lm100 fix-xahar lil Carmelo Farrugia sabiex hu jghaddihom lil Saviour Grima. Inoltre, l-konvenuta kkonfermat ukoll li Saviour Grima nfurmaha li ghal kull pagament li kienet taghmel, hu kien jirrilaxxa ricevuta lil Carmelo Farrugia. Illi l-attur qatt ma pprovda xi ricevuti lill-konvenuta u dan minhabba li kienet f'relazzjoni mieghu. Inoltre, il-konvenuta tikkontendi illi l-pagamenti ghamlithom kollha hi hlief wiehed illi kien tahulha l-istess attur taht titolu ta' rigal. Il-konvenuta ukoll stqarret illi kien sar xi theddid da parte tal-atturi;

Illi xehed ukoll Jim Cilia, prodott mill-konvenuta nhar it-2 t'April 2009 fejn ikkonferma li l-pagamenti in kwistjoni dejjem saru fil-maggoranza taghhom fid-dar ta' Lorraine Cilia u dejjem lil Carmelo Farrugia. Certi pagamenti saru d-dar ta' Carmelo Farrugia sabiex ihallsuh hemmhekk.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi in sustanza jidher illi hemm qbil bejn il-kontendenti illi Saviour Grima thallas tax-xoghol li ghamel ghand l-konvenuta billi rcieva 12 il-pagament ta' Lm100 il-wiehed minn ghand l-attur Carmelo Farrugia.

Li jrid jigi deciz minn dan it-Tribunal huwa jekk il-pagamenti effettivament sarux bi flus il-konvenuta jew le. Il-konvenuta ssostni, kif jixhed anke binha, illi hija tat il-flus lill-attur Farrugia u dan minn naha tieghu, ghadda l-flus lil Grima, filwaqt illi Farrugia isostni illi hallas direttament hu peress illi l-konvenuta kienet f'sitwazzjoni finanzjarja difficli, u issa qed jitlobhom lura.

Jirrizulta mill-atti u mix-xhieda ukoll illi bejn l-attur u l-konvenuta kien hemm relazzjoni fiz-zmien illi saru l-pagamenti. Il-konvenuta tghid aktar billi ssostni illi t-tnax il-pagament ghamlithom hi eccetto wiehed – li kien rigal tal-attur lilha.

Mill-assjem tal-provi xejn ma jista` jigi eskluz. Izda dan it-Tribunal irid jiddeciedi il-kaz fuq livell ta' probabbilita` - u

dak li jimmilta a favur it-tezi ta’ l-atturi huwa DOK CF 1 u CF 2.

Filwaqt illi t-Tribunal jibqa` kurjuz ghaliex hadd mill-partijiet ma ressaq bhala prova lil Saviour Grima, id-dokumenti msemmija ma humiex kontradetti mill-konvenuta. Dokument, sakemm huwa car bizzejjed, jitkellem wahdu.

Filwaqt illi t-Tribunal isib illi hemm il-prova illi l-attur Farrugia hallas lil Grima, b’dana kollu t-Tribunal ma jsibx prova dokumentali u konvincenti bizzejjed sabiex jikkonvinci ruhu illi l-pagamenti ghaddithom l-konvenuta lill-attur Farrugia.

Huwa fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet u l-apprezzament tal-fatti u l-provi prodotti illi t-Tribunal ihoss illi t-talba attrici ghandha tigi akkolta. Anke jekk ma jeskludix illi in effetti seta` kien il-kaz, mhux tant illi l-konvenuta ghaddithom lill-attur, izda illi in effetti l-attur xi darba weghda lill-attrici illi jhallashom hu minhabba r-relazzjoni tieghu maghha, u appena spiccat ir-relazzjoni, iddeciedi illi jfittex ghalihom. U jekk kien hekk il-kaz, il-konvenuta kien messa hadet hsieb l-interessi taghha billi taghmel skrittura hekk kif ghamel l-attur ma’ Saviour Grima.

Il-konvenuta tghid illi pagament minnhom kien inghata lilha bhala rigal – l-uniku pagament illi ma hallsitx hi. Il-fatt illi l-atturi intavolaw il-kawza ghas-somma ta’ €2795.25 gja Lm1200 u mhux Lm1300 (in kwantu hemm tlettax il-pagament ta’ Lm100) – dak imur biex jaghmel il-verzjoni tal-atturi aktar kredibbli u sostenibbli, partikolarment meta it-tlettax il-pagament huma kollha fuq DOK CF 1 u CF2 intestati fuq l-istess atturi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li sema` x-xhiedha kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas s-somma ta’ elfejn seba’ mija u hamsa u disghin

Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2795.25), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------